VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,204, 31 ta' Jannar, 2014
Taqsima B

A.L. 41 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Music – M.Mus. – taħt il-patroċinju tal-Iskola tal-Arti Performattiva

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Iskola tal-Arti Performattiva bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 7(b)(v) tal-Istatut tal-Iskola, u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Music – M.Mus. - taħt il-patroċinju tal-Iskola tal-Arti Performattiva.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Iskola tal-Arti Performattiva;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Music – M.Mus.;

"l-Iskola" tfisser l-Iskola tal-Arti Performattiva;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Music – M.Mus.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Ġunju, 2013 'il quddiem.

L-Oqsma ta' Speċjaliżżazzjoni

3. Il-Kors ikun offrut f'dawn l-oqsma ta' speċjaliżżazzjoni:

Il-Kompożizzjoni, l-Eżekuzzjoni Mużikali, il-Mużikoloġija, u l-Etnomużikoloġija.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) grad ta' Bachelor minn din l-Università fil-Music Studies jew fl-oqsma ta' speċjaliżżazzjoni indikati fl-ordinament 3, miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri; jew

(b) grad ta' Bachelor minn din l-Università fil-Music Studies miksub tal-anqas f'Kategorija II; jew

(ċ) kwalifika meqjusa mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, bħala komparabbli għall-kwalifiki msemmija fis-sotto-paragrafi (a) u (b) tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament.

(2) Id-dħul tal-applikanti skont is-sotto-paragrafi (b) u, jekk neċessarju, (ċ) tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament jista' jkun kondizzjonalment skont ir-riżultati ta' awdizzjoni/intervista li ssir għal dan il-għan, jew wara s-sottomissjoni ta' esejs/kompożizzjonijiet mużikali.

(3) L-intervisti, meta neċessarji, għandhom ikunu mmexxija minn bord magħmul mill-anqas minn tliet membri maħtura għal dan il-għan.

5. L-applikanti jistgħu jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tagħhom, flimkien ma' proposta komprensiva tar-riċerka li tinkludi l-għodod tal- kompożizzjoni u t-teknika fil-każ tal-Grad ibbażat fuq il-kompożizzjoni, u l-għodod analitiċi u l-prattiċi ta' eżekuzzjoni mużikali fil-każ tal-Grad ibbażat fuq l-Eżekuzzjoni Mużikali, fi kwalunkwe żmien tas-sena.

Il-Programmi Preparatorji u Supplimentari

6. (1) L-applikanti li jidħlu skont is-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 4 li jixtiequ jiffokaw fuq qasam ta' speċjaliżazzjoni differenti minn dak segwit fil-grad tal-Bachelor bl-Unuri, iżda li ma jkollhomx la l-ħiliet u lanqas l-għarfien biex isegwu studji ta' wara l-ewwel grad f'dan il-qasam, ikunu meħtieġa jsegwu Programm Preparatorju, magħmul minn mhux anqas minn 30 krettu ECTS kif dirett mil-Bord, u li jiksbu marka medja globali ta' 55% jew aħjar, qabel ma jirreġistraw bħala studenti regolari fil-Kors.

(2) L-applikanti li jidħlu skont is-sotto-paragrafu (b) u, jekk neċessarju (ċ) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 4 jistgħu jkunu meħtieġa jtemmu programm preparatorju, li jinkludi mhux anqas minn 30 krettu ECTS kif dirett mill-Bord, u li jiksbu marka medja globali ta' 55% jew aħjar, qabel ma jirreġistraw bħala studenti regolari fil-Kors.

(3) Fil-każijiet fejn l-applikanti ma jkollhomx biżżejjed għarfien f'oqsma partikolari għax ma jkunux għamluhom fl-ewwel grad tagħhom, il-Bord jista' jeħtieġ lill-istudenti li jidħlu fil-Kors biex isegwu u jgħaddu minn taqsima/taqsimiet studju fil-qasam partikolari li għalihom ikun hemm assenjati massimu ta' 12–il krettu ECTS, minbarra l-programm ta' studju speċifikat fl-ordinament 8.

(4) Il-Bord jista' jagħti lill-istudenti eżenzjoni sħiħa jew parzjali mir-rekwiżit tal-Programm Preparatorju jekk ikun sodisfatt, wara li ssir intervista, li l-istudent laħaq il-livell meħtieġ biex jidħol fil-Kors direttament.

It-Tul tal-Kors

7. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju *full-time* jew sitt semestri ta' studju *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

8. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 10 kretti ECTS huma assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma rilevanti għall-qasam ta' speċjaliżżazzjoni magħżul.

Is-Sottomissjoni tal-*Portfolio* tal-Kompożizzjoni/Kompożizzjonijiet jew tal-Programm ta' Eżekuzzjoni Mużikali u d-Dissertazzjoni

9. (1) Mhux anqas minn tliet xhur qabel id-data maħsuba għas-sottomissjoni, l-istudenti li jkunu qegħdin isegwu l-qasam ta' speċjaliżżazzjoni fil-Kompożizzjoni u fl-Eżekuzzjoni Mużikali għandhom jitolbu lill-Bord għall-permess biex jippreżentaw il-*portfolio* ta' Kompożizzjoni/Kompożizzjonijiet u d-dissertazzjoni fil-każ ta' qabel, jew in-noti tal-programm u d-dissertazzjoni fil-każ tal-aħħar. Qabel ma jingħataw il-permess, il-Bord għandu jikkonsulta mas-superviżur tal-istudenti u għandu jiġi aċċertat li l-perijodu ta' studju huwa konformi ma' dak stipulat fir-Regolamenti Prinċipali.

(2) Meta jissottomettu *portfolio* ta' Kompożizzjoni/Kompożizzjonijiet l-istudenti għandhom jinkludu dikjarazzjoni ffirmata li l-*portfolio* kollu huwa x-xogħol personali tagħhom u li sar wara r-reġistrazzjoni tagħhom għall-Grad.

(3) Id-dissertazzjoni ma tistax bl-ebda mod tkun diġà ġiet sottomessa għal xi kwalifika x'imkien ieħor, u mgħandhiex tkun diġà ġiet ippubblikata indipendentement mill-istudent, kemm kollha kif ukoll partijiet sostanzjali minnha.

L-Eżami tal-*Portfolio* tal-Kompożizzjoni/Kompożizzjonijiet jew tal-Programm ta' Eżekuzzjoni Mużikali u d-Dissertazzjoni

10. (1) Fil-każ tal-kompożizzjoni, il-*portfolio* tal-kompożizzjonijiet u d-dissertazzjoni għall-Grad għandhom ikunu eżaminati minn Bord tal-Eżaminaturi maħtur għal dan il-għan mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord skont ir-Regolamenti Prinċipali. Il-*portfolio* tal-kompożizzjonijiet u d-dissertazzjoni huma assenjati 80 krettu ECTS.

(2) L-istudenti fil-Kors tal-kompożizzjoni għandhom joqogħdu ukoll għall-eżami *viva voce* li jiffoka fuq il-*portfolio* tal-kompożizzjoni tagħhom u d-dissertazzjoni.

(3) Wara li jeżamina l-*portfolio* tal-kompożizzjonijiet, id-dissertazzjoni u jmexxi l-eżami *viva voce*, il-Bord tal-Eżaminaturi jista' jirreferi l-*portfolio* u/jew id-dissertazzjoni lura lill-istudent għar-reviżjonijiet li għandhom jiġu mitmuma sażżmiem speċifikat mill-Bord, li normalment m'għandux ikun aktar minn sitt xhur.

(4) Wara li l-istudent ikun temm ir-reviżjonijiet meħtieġa, ikollu japplika għall-permess għand il-Bord biex jerġa' jissottometti l-*portfoloio* u/jew id-dissertazzjoni riveduti għal eżami ieħor.

(5) Fuq il-bażi tat-tieni eżami *viva voce* u l-*portfolio* u/jew id-dissertazzjoni riveduti, il-Bord tal-Eżaminaturi għandu jibgħat rapport finali lir-Reġistratur fejn jirrakkomanda jekk għandux jingħata l-Grad jew le.

(6) Jekk l-ebda reviżjonijiet ma jkunu meħtieġa**,** il**-**Bord tal-Eżaminaturi għandu jibgħat rapport finali lir-Reġistratur fejn jirrakkomanda li jingħata l-Grad.

(7) Fil-qasam ta' speċjaliżżazzjoni tal-kompożizzjoni, l-istudent li ma jissodisfax lill-Bord tal-Eżaminaturi fl-eżami *viva voce* jista', fid-diskrezzjoni tal-Bord tal-Eżaminaturi u bil-permess tal-Bord, jerġa' jiġi eżaminat oralment fi żmien sitt xhur. Dan il-permess għandu jingħata darba biss.

11. (1) Fil-qasam ta' speċjaliżżazzjoni tal-eżekuzzjoni mużikali, id-dissertazzjoni u n-noti tal-programm, għandhom jiġu eżaminati u sottomessi mill-ġdid bl-emendi, jekk neċessarju, qabel ma jsir il-kunċert finali. L-eżami *viva voce* għandu jiffoka kemm fuq in-noti tal-programm kif ukoll fuq id-dissertazzjoni.

(2) Wara l-eżami *viva voce*, il**-**Bord tal-Eżaminaturi jista' jirreferi d-dissertazzjoni u n-noti tal-programm lura lill-istudent għall-emendi.

(3) Fil-qasam ta' speċjaliżżazzjoni tal-eżekuzzjoni mużikali, jekk student ma jurix kompetenza sħiħa fit-teknika u l-kapaċitajiet interprettattivi, il-Bord tal-Eżaminaturi jista' jitlob li l-kunċert jiġi ripetut wara perijodu ta' żmien deċiż mill-Bord tal-Eżaminaturi. Għandu jkun hemm ripetizzjoni tal-kunċert darba biss għall-għan tal-eżami.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Il-Format u l-Preżentazzjoni tad-Dissertazzjoni

12. Għall-Grad permezz tal-kompożizzjoni, l-istudent ikun meħtieġ jissottometti kopji tal-*portfolio* tax-xogħolijiet oriġinali fuq karti tal-mużika regolari A3 bix-xogħol kollu ppreżentat b'legatura *soft*. Id-dissertazzjoni għandha tkun ta' mhux anqas minn 15,000 kelma, li jeskludu n-noti, il-biblijografija, u l-appendiċijiet. Fil-komputazzjoni tal-marka miksuba fil-valutazzjoni tax-xogħol tal-istudent, id-dissertazzjoni għandu jkollha piż ta' 25%, fil-waqt li l-*portfolio* tax-xogħolijiet għandu jkollu piż ta' 75%.

13. Għall-Grad permezz tal-eżekuzzjoni mużikali, l-istudent ikun meħtieġ jissottometti n-noti tal-programm u d-dissertazzjoni li għandha tkun ippreżentata fil-format normali ta' dokument u għandha tkun ta' mhux anqas minn 15,000 kelma, li jeskludu n-noti, il-biblijografija, u l-appendiċijiet. Fil-komputazzjoni tal-marka miksuba fil-valutazzjoni tax-xogħol tal-istudent, id-dissertazzjoni għandu jkollha piż ta' 25%, fil-waqt li l-*portfolio* tax-xogħolijiet għandu jkollu piż ta' 75%.

14. Għall-Grad tar-riċerka fil-mużikoloġija/etnomużikoloġija, l-istudent ikun meħtieġ jissottometti dissertazzjoni li għandha tkun ippreżentata fil-format normali ta' dokument u għandha tkun ta' mhux anqas minn 40,000 kelma u mhux aktar minn 50,000 kelma, li jeskludu n-noti, il-biblijografija, u l-appendiċijiet.

15. L-istudenti għandhom jissottomettu kopji tax-xogħol tagħhom għall-membri kollha tal-Bord tal-Eżaminaturi lill-Kap tad-Dipartiment tal-Mużika biex jintbgħatu lill-Bord tal-Eżaminaturi.

16. Wara li l-*portfolio*, in-noti tal-programm u d-dissertazzjoni jiġu approvati, l-istudent għandu jissottomettihom f'forma ta' legatura iebsa fi żmien mhux anqas minn sitt ġimgħat minn meta jiġi ppubblikat ir-riżultat.

17. Kwalunkwe spejjeż marbutin mal-kunċert, id-dissertazzjoni u l-*portfolio* tal-kompożizzjonijiet huma r-responsabbiltà tal-istudent.

L-Għoti tal-Grad

18. Il-Grad għandu jingħata lill-istudenti li jissodisfaw il-kriterji kollha f'waħda minn dawn l-oqsma ta' speċjaliżżazzjoni:

(a) permezz ta' kompożizzjoni: jgħaddu mit-taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 10 kretti ECTS, jippreżentaw dissertazzjoni u *portfolio* ta' kompożizzjonijiet ġodda u oriġinali, kif ukoll jgħaddu mill-eżami *viva voce* li għalihom kollha hemm assenjati 80 krettu ECTS; jew

(b) permezz tal-eżekuzzjoni mużikali: jgħaddu mit-taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 10 kretti ECTS, jippreżentaw dissertazzjoni, noti tal-programm, kif ukoll jgħaddu mill-eżami *viva voce* li għalihom kollha hemm assenjati 20 krettu ECTS, jagħtu wirja pubblika permezz ta' tlett kunċerti li għal kull wieħed minnhom hemm assenjati total ta' 20 krettu ECTS. Il-kunċerti għandhom ikunu evalwati għall-anqas minn tliet membri tal-Bord tal-Eżaminaturi. Dawn għandhom jużaw il-kriterji normali u jagħtu marka u grad li għandhom jikkontribwixxu għar-riżultat finali. Il-kunċert finali għandu jkun irrekordjat; jew

(c) permezz tal-mużikoloġija/etnomużikoloġija: jgħaddu mit-taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati total ta' 10 kretti ECTS u jippreżentaw dissertazzjoni li tinkludi kontribuzzjoni oriġinali u sinifikanti għall-għarfien, kif ukoll jgħaddu minn eżami *viva voce*, li għalihom kollha hemm assenjati total ta' 80 krettu ECTS.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

19. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal- Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, u għandhom ikunu mwieżna kif ġej:

Kompożizzjoni:
Taqsimiet studju mgħallma: 10% tal-marka globali; *portfolio* tal-kompożizzjonijiet u d-dissertazzjoni: 90% tal-marka globali.

Eżekuzzjoni Mużikali:
Taqsimiet studju mgħallma: 10% tal-marka globali; in-noti tal-programm u d-dissertazzjoni: 20% tal-marka globali; tliet kunċerti, mwieżna ndaqs u li jammontaw għal total ta' 70% tal-marka globali.

Mużikoloġija/Etnomużikoloġija:
Taqsimiet studju mgħallma: 10% tal-marka globali u t-taqsima tad-dissertazzjoni: 90% tal-marka globali.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

20. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.